IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 27.6.2012
COM(2012) 364 final

2012/0176 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fuq talba tal-Portugall, fis-17 ta' Mejju 2011, il-Kunsill ta assistenza finanzjarja lill-Portugall (Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE) bħala appoġġ għal programm ekonomiku u ta' riforma ambizzjuż li għandu l-għan li jirrestawra l-kunfidenza, u b'hekk l-ekonomija terġa tibda tikber b'mod sostenibbli filwaqt li titħares l-istabbiltà finanzjarja fil-Portugall, fiż-żona euro u fl-UE.

F'konformità mal-Artikolu 3(9) tad-Deċiżjoni 2011/344/UE, il-Kummissjoni, flimkien mal-FMI u f'kooperazzjoni mal-BĊE, għamlet ir-raba' analiżi biex tivvaluta l-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri miftiehma kif ukoll l-effikaċja u l-impatt ekonomiku u soċjali tagħhom.

Filwaqt li tikkunsidra l-iżviluppi ekonomiċi, fiskali u finanzjarji riċenti u l-azzjonijiet ta' politika, il-Kummissjoni tqis li tibdiliet limitati fil-kundizzjonijiet tal-politika ekonomika, li fuqhom hija msejsa l-għajnuna, huma meħtieġa sabiex jiżguraw l-għanijiet tal-programm, hekk kif spjegat fil-premessi tal-emendi proposti għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

2012/0176 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja[1], u b'mod partikulari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 3(9) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill Nru 2011/344/UE, il-Kummissjoni, flimkien mal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u f'kooperazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), wettqet ir-raba' analiżi tal-progress tal-awtoritajiet fl-implimentazzjoni tal-miżuri miftiehma kif ukoll tal-effettività u l-impatt ekonomiku u soċjali tal-miżuri miftiehma.

(2) Permezz tal-analiżi nstab li l-konformità mal-kundizzjonalità għall-ewwel kwart tas-sena 2012 kienet sodisfaċenti. Fl-2011, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika kien 4.2 fil-mija tal-PDG. Il-mira fiskali ta' 4½ fil-mija tal-PDG għal 2012 baqgħet vijabbli. L-ibbilanċjar mill-ġdid tal-ekonomija kompliet b'pass mgħaġġel u l-esportazzjonijiet qabżu l-aspettattivi u aktar milli paċew id-domanda domestika aktar dgħajfa. Madankollu, ir-riskji għall-miri fiskali relatati mal-perspettiva makroekonomika bdew jimmaterjalizzaw, bil-kompożizzjoni tat-tkabbir ixxeqleb bil-qawwi lejn l-esportazzjonijiet netti u 'l bogħod mid-domanda domestika u minħabba d-deterjorazzjoni sostanzjali fis-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol. Jeħtieġ li l-progress fir-riformi tas-suq tax-xogħol ikompli. Il-pagamenti tat-terminazzjoni tal-impjieg se jiġu allinjati mal-medja tal-UE u se jinħoloq fond biex jiffinanzja parti mill-pagamenti tat-terminazzjoni tal-impjieg. Qed titħejja proposta biex jiġi rivedut il-mekkaniżmu għall-estensjoni tal-ftehimiet kollettivi. Jissoktaw l-isforzi tal-politika sabiex tkun appoġġjata l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Il-bejgħ tal-Banco Português de Negocios (BPN) ġie konkluż u l-immaniġġjar tal-vetturi bi skop speċjali se jiġi ottimizzat biex jiġi mmassimizzat l-irkupru tal-assi ttrasferiti mill-BPN. Il-qafas tal-intervent bikri, ir-riżoluzzjoni u l-assigurazzjoni tad-depożiti ġie msaħħaħ u l-awtoritajiet huma mitluba jippreparaw l-miżuri implimentattivi. Riformi fis-suq tal-prodotti, notevolment fis-servizzi protetti, huma essenzjali biex tiġi rrestawrata l-kompetittività u promossi t-tkabbir u l-impjiegi. Il-gvern qed jimplimenta strateġija biex jirristruttura l-intrapriżi statali ħalli jnaqqas id-dejn tagħhom u jiżgura kundizzjonijiet aħjar għal finanzjament mis-suq. Studju biex jiġu vvalutati l-ispejjeż u l-benefiċċji tar-rinegozjar ta' kwalunkwe sħubija pubblika

[1] ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1.

privata (PPP) jew ta' kuntratt ta' konċessjoni biex jitnaqqsu l-obbligi finanzjarji tal-gvern qed jitħejja minn kumpanija internazzjonali tal-awditjar. Il-gvern huwa impenjat li jiżgura reġim effettiv ta' infurzar ta' kompetizzjoni effettiva. Ir-regolamenti tas-suq tad-djar qed jiġu modernizzati bil-ħsieb li tiġi promossa l-mobbiltà ġeografika u r-riforma tas-sistema ġudizzjarja qed tagħmel progress tajjeb. Il-programm ta' privatizzazzjoni qed jiġi implimentat skont il-liġi qafas il-ġdida.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) Il-Paragrafu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika ma għandux jaqbeż l-4.5 % tal-PDG fl-2012. Flimkien mal-miżuri speċifikati fil-baġit tal-2012 u l-baġit supplimentari approvat f'Marzu, speċjalment fuq in-naħa tal-infiq, għandhom jittieħdu aktar miżuri sabiex jingħeleb kull distakk possibbli fl-2012.";

(b) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

'(d) Il-Portugall għandu jadotta miżuri biex isaħħaħ l-immaniġġjar tal-finanzi pubbliċi. Huwa għandu jimplimenta l-miżuri previsti fil-Liġi Qafas Baġitarja l-ġdida, inkluż l-istabbiliment ta' qafas baġitarju fuq terminu medju. L-oqfsa baġitarji lokali u reġjonali għandhom jissaħħu b'mod konsiderevoli, b'mod partikolari billi l-liġijiet finanzjarji rispettivi jiġu allinjati mar-rekwiżiti tal-Liġi Qafas Baġitarja. Il-Portugall għandu jżid ir-rapportar u l-monitoraġġ tal-finanzi pubbliċi u jsaħħaħ ir-regoli u l-proċeduri tal-eżekuzzjoni baġitarja. Il-Gvern Portuġiż għandu jimplimenta l-istrateġija għall-validazzjoni u s-saldu tal-arretrati. L-istrateġija tistabbilixxi l-kriterji ta' prijoritizzazzjoni għall-ħlas tal-krediturі, kif ukoll arranġamenti ta' governanza sabiex ikun żgurat proċess ġust u trasparenti ta' saldu fl-oqsma kollha. Il-Portugall għandu jimplimenta l-qafas legali u istituzzjonali l-ġdid tas-sħubijiet pubbliċi privati (PPPs). Abbażi tar-riżultati ta' studju dwar ir-rinegozjar tal-PPPs, il-gvern għandu jirrinegozja l-kuntratti rilevanti. Il-Portugall għandu jadotta liġi li tirregola l-ħolqien u l-funzjonament tal-intrapriżi tal-Istat (SOEs - state-owned enterprises) fil-livelli ċentrali, reġjonali u lokali.';

(c) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(e) Il-Portugall għandu jirriorganizza u naqqas konsiderevolment l-għadd ta' entitajiet tal-gvern lokali. Dawn il-bidliet se jsiru effettivi sal-bidu taċ-ċiklu tal-elezzjonijiet lokali li jmiss.';

(d) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) il-Portugall għandu jimmodernizza l-amministrazzjoni tad-dħul billi jikkompleta l-implimentazzjoni tal-'Autoridade Tributária e Aduaneira', isaħħaħ ir-rabtiet mal-unitajiet tal-ġbir tad-dħul tas-Sigurtà Soċjali, u jnaqqas l-għadd ta' uffiċċji muniċipali u jindirizza l-ostakli li jifdal fis-sistema tal-appell tat-taxxa.";

(e) il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) Il-Portugall għandu jadotta miżuri biex itejjeb l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tal-intrapriżi tal-istat (SOEs) fil-livell ċentrali, reġjonali u lokali. Il-Portugall għandu jimplimenta strateġija biex jirristruttura l-SOEs, - inkluża 'Parpública' - u biex jiżgura kundizzjonijiet aħjar għall-finanzjament mis-suq. Il-Portugall għandu jimplimenta din l-istrateġija sabiex jilħaq bilanċ operazzjonali fil-livell settorjali sal-aħħar tal-2012.';

(f) il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

'(i) Il-Portugall għandu jkompli jimplimenta l-programm ta' privatizzazzjoni. Il-bejgħ dirett tal-fergħa tal-assigurazzjoni ta' Caixa Geral de Depositos (Caixa Seguros) għandu jseħħ fl-2012. Il-proċess ta' privatizzazzjoni tat-trasportatur bl-ajru nazzjonali (TAP), l-operatur tal-ajruport Aeroportos de Portugal (ANA), is-sussidjarja tal-maniġġ tal-merkanzija ta' CP (CP Carga) u ta' Correios de Portugal (CTT) għandu jibda fl-2012 bil-ħsieb li jitlesta fl-2013.";

(g) il-punt (j) jitħassar;

(h) il-punt (k) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(k) Il-Portugall għandu jippreżenta abbozz ta' leġiżlazzjoni lill-Parlament Portugiż sabiex jallinja l-pagamenti tat-terminazzjoni tal-impjieg mal-medja tal-UE ta' 8-12-il jum għal kull sena xogħol u joħloq fond ta' kumpens għall-pagamenti tat-terminazzjoni tal-impjieg.";

(i) il-punt (l) jitħassar;

(j) il-punt (o) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(o) Il-Portugall għandu jimplimenta l-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' azzjoni tiegħu biex titjieb il-kwalità tal-edukazzjoni sekondarja u vokazzjonali u t-taħriġ.";

(k) il-punt (p) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(p) Il-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja għandu jitjieb billi jiġu implimentati l-miżuri proposti skont il-pjan direzzjonali tar-riforma ġudizzjarja u bl-applikazzjoni ta' miżuri mmirati biex progressivament jiġi eliminat ix-xogħol b'lura fil-qrati u biex jitrawmu soluzzjonijiet alternattivi għat-tilwim.";

(l) il-punt (r) huwa sostitwit b'dan li ġej:

'(r) Il-qafas regolatorju u kompetittiv għandu jittejjeb. Il-Portugall għandu jsaħħaħ l-indipendenza u r-riżorsi tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali prinċipali; jimplimenta l-liġi dwar il-kompetizzjoni bil-għan li jtejjeb il-veloċità u l-effikaċja tal-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni; u jimmonitorja l-influss ta' każijiet ġodda u jirrapporta dwar il-funzjonament tal-qorti speċjalizzata għall-Kompetizzjoni, ir-Regolamentazzjoni u s-Superviżjoni.";

(m) il-punti (u) u (v) għandhom jitħassru.

(2) Il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'8. Bil-għan li tiġi restawrata l-fiduċja fis-settur finanzjarju, il-Portugall għandu jirrikapitalizza b'mod adegwat is-settur bankarju tiegħu u jiżgura proċess ta' diżingranaġġ b'mod ordinat. F'dak ir-rigward, il-Portugall għandu jimplimenta l-istrateġija għas-settur bankarju Portugiż kif miftiehem mal-Kummissjoni, il-BĊE u l-FMI biex tiġi ppreżervata l-istabbiltà finanzjarja. B'mod partikolari, il-Portugall għandu:

(a) jagħti pariri lill-banek biex jissaħħu l-bafers kollaterali tagħhom fuq bażi sostenibbli u jimmonitorjaw il-ħruġ tal-bonds tal-bank garantiti mill-gvern, li ġew awtorizzati sa EUR 35 biljun f'konformità mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni;

(b) jiżgura li l-banek jilħqu l-mira tal-programm ta' proporzjon Ewlieni tal-Grad 1 ta' 10 % l-aktar tard sal-aħħar tal-2012. Ir-rekwiżiti kapitali li jirriżultaw mill-valwazzjoni tad-dejn sovran abbażi tal-prezzijiet tas-suq skont l-eżerċizzju ta' rikapitalizzazzjoni madwar l-UE kollha kkoordinat mill-Awtorità Bankarja Ewropea għandhom jintlaħqu f'Ġunju 2012 flimkien mal-implikazzjonijiet kapitali li jirriżultaw mill-programm speċjali ta' spezzjonijiet fuq il-post u t-trasferiment ta' fondi tal-pensjonijiet tal-banek fis-sistema ta' sigurtà soċjali tal-Istat. Il-faċilità ta' appoġġ għas-solvenza tal-banek li tammonta għal EUR 12 biljun, stabbilita skont il-Programm għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni jekk il-banek ma jkunux jistgħu jilħqu l-livelli limiti tal-kapital meħtieġ sal-iskadenzi stabbiliti;

(c) jiżgura diżingranaġġ ibbilanċjat u ordinat tas-settur bankarju, xi ħaġa li tibqa' kritika għall-eliminazzjoni ta' żbilanċi fil-finanzjamenti fuq bażi permanenti. Il-pjanijiet ta' finanzjament tal-banek għandhom l-għan li jnaqqsu l-proporzjon tas-self mad-depożiti għal valur indikattiv ta' madwar 120 % sal-aħħar tal-Programm u eventwalment li jnaqqsu mid-dipendenza fuq il-finanzjament mill-Eurosistema sakemm idum il-Programm. Dawn il-pjanijiet ta' finanzjament għandhom jiġu riveduti kull tliet xhur;

(d) jiżgura s-simplifikazzjoni tal-Caixa Geral de Depositos (CGD), li hija proprjetà tal-istat, sabiex tiżdied il-bażi kapitali tal-fergħa ewlenija bankarja tagħha kif meħtieġ. Il-bejgħ tal-fergħat tal-assigurazzjoni u s-saħħa tagħha għandu jseħħ qabel tmiem l-2012, waqt li l-bejgħ tal-istrumenti ta' ekwità mhux strateġiċi jinsab għaddej. Sa fejn dawn il-ħtiġijiet ma jkunux jistgħu jiġu ssodisfati minn sorsi interni tal-grupp sal-aħħar ta' Ġunju 2012, is-CGD għandha tingħata appoġġ kapitali mill-gvern minn bafers ta' flus li mhumiex parti mill-faċilità ta' appoġġ għas-solvenza tal-banek;

(e) jottimizza l-proċess għall-irkupru tal-assi trasferiti mill-BPN għat-tliet vetturi bi skop speċjali tal-Istat permezz tal-esternalizzazzjoni tal-immaniġġjar tal-assi lil parti terza professjonali, b'mandat li gradwalment tirkupra l-assi maż-żmien. Jagħżel il-parti li timmaniġġja l-assi permezz ta' proċess kompetittiv vinkolanti u jinkludi inċentivi xierqa biex jottimizza l-irkupri f'dan il-mandat;

(f) ilesti proposta għall-inkoraġġiment tad-diversifikazzjoni tal-alternattivi ta' finanzjament għas-settur korporattiv sa tmiem Lulju 2012;

(g) jimplimenta miżuri biex jikkonkludi l-istabbiliment ta' Fond ta' Riżoluzzjoni bil-ħsieb li jiġi żgurat li jkun kompletament operattiv sa Lulju 2012; li jadotta l-avviżi superviżorji dwar il-pjanijiet ta' rkupru sal-aħħar ta' Lulju 2012 u jadotta r-regolament dwar il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni sa tmiem Ottubru 2012, jadotta r-regoli applikabli għall-istabbiliment u l-operat ta' banek tranżitorji f'konformità mar-regoli

tal-kompetizzjoni tal-UE sa tmiem Settembru 2012. Se tingħata prijorità lir-reviżjoni tal-irkupru u l-pjanijiet sussegwenti ta' riżoluzzjoni tal-banek li huma ta' importanza sistemika;

(h) jistabbilixxi qafas għall-istituzzjonijiet finanzjarji biex iwettqu ristrutturar tad-dejn straġudizzjarju għall-unitajiet domestiċi u l-SMEs."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Portugall.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President